

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10112/22

LIMITE

EF 162  
ECOFIN 610  
CODEC 892

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0376 (COD)

---

---

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

---

Suġġett: Rieżami tad-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFMD)  
- Approċċ ġenerali

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill Proposta għal Direttiva<sup>1</sup> li temenda d-Direttivi 2011/61/UE (Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi) u 2009/65/KE (UCITS). Din ir-reviżjoni mmirata, li hija parti minn pakkett leġislattiv ta' miżuri li jappoġġaw l-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, b'mod ġenerali għandha l-għan li tkompli tintegra s-swieq għall-ġestjoni tal-assi fl-Ewropa, filwaqt li tippromwovi l-armonizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-qafas regolatorju attwali.

---

<sup>1</sup> Dokument 14365/21 + ADD 1 sa ADD 3

2. Il-kwistjonijiet ewlenin koperti fil-Proposta jinkludu b'mod partikolari: obbligi ta' rapportar relatati mad-delega ta' ċerti funzjonijiet lil partijiet terzi minn maniġers ta' fondi; it-titjib tar-regoli dwar l-għodod ta' ġestjoni tal-likwidità; il-kondizzjonijiet għall-forniment ta' servizzi depożitarji transkonfinali; u, ir-regoli għal fondi ta' investiment alternattivi li joriġinaw mis-self.
3. Fit-2 ta' Diċembru 2021, il-Proposta u l-istudju tal-impatt tagħha ġew ikkunsidrati wkoll mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-servizzi finanzjarji u l-Unjoni Bankarja.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI

4. Il-Proposta ġiet diskussa mill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji u l-Unjoni Bankarja f'seba' laqgħat oħra taħt il-Presidenza attwali. Wara l-aħħar laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma, li saret fit-13 ta' Mejju, il-Presidenza kompliet tesplora permezz ta' kuntatti bilaterali l-finalizzazzjoni ta' kompromess ibbilanċjat, bil-ħsieb li kemm jista' jkun jiġu akkomodati l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri. B'riżultat ta' dan, fit-8 ta' Ġunju 2022<sup>2</sup> il-Presidenza ppreżentat lill-Coreper (parti 2) kompromess finali tal-Presidenza<sup>3</sup>.
5. F'dik il-laqgħa tal-Coreper, il-Presidenza ħadet nota li l-proposta ta' kompromess tagħha kienet tabilħaqq appoġġata mill-maġġoranza meħtieġa, bil-ħsieb li tibgħatha lill-Kunsill u tilħaq fuq dik il-bażi approċċ ġenerali bħala punt mhux għad-diskussjoni.

---

<sup>2</sup> Dok. 9731/22.

<sup>3</sup> Dok. 9768/22.

6. Minkejja dan, peress li Stat Membru wieħed kien ressaq żewġ talbiet għal emendi (hawn taħt), diversi Stati Membri indikaw li kienu lesti li jkomplu jivvalutaw dawn iż-żewġ talbiet bil-ħsieb tal-inklużjoni possibbli f'kompromess rivedut. Il-Prezidenza għaldaqstant wettqet dik il-valutazzjoni, sabiex taċċerta li l-inklużjoni possibbli tagħhom ma ddgħajjifx l-appoġġ milħuq mill-kompromess.
7. Iż-żewġ emendi mitluba għat-test ta' kompromess (9768/22) kienu jikkonċernaw kompetenzi f'dati lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), f'żewġ oqsma separati. L-ewwel wieħed iffoka fuq it-tnejn ta' standards tekniċi regolatorji rigward l-informazzjoni li l-manigġers tal-fondi ta' investiment, fil-qafas tal-obbligi ta' rapportar tagħhom, ikollhom jissottomettu lill-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru ta' Oriġini tagħhom fir-rigward tal-arranġamenti ta' delega ma' partijiet terzi. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri kollha, il-Prezidenza qed tippreżenta lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti formulazzjoni alternattiva li tidher aċċettabbli għall-Istati Membri u tiċċara li l-mandat tal-ESMA għandu jkun limitat għall-istabbiliment ta' livell xieraq ta' standardizzazzjoni tat-taqsimiet tar-rapportar tad-data dwar id-delega elenkati fil-punt (d) tal-Artikolu 24(2). Din il-formulazzjoni tiċċara wkoll li l-ħidma tal-ESMA jenħtieġ li ma twassalx għall-introduzzjoni ta' obbligi ta' rapportar addizzjonali jew għaż-żieda ta' kwalunkwe element ġdid li mhux previst mit-test ta' dik id-Direttiva.

8. It-tieni talba għal emenda kellha l-għan li tkompli tinkwadra u tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni għall-intervent tal-ESMA fi kwistjonijiet ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u assistenza għas-soluzzjoni ta' tilwim – b'mod aktar speċifiku, għal dawk il-każijiet li joħolqu theddida serja għall-protezzjoni tal-investituri, jheddu l-funzjonament ordnat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jew joħolqu riskji għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fl-Unjoni. Fid-dawl tal-iskambji finali tagħha mal-Istati Membri, il-Presidenza qieset li tista' tilqa' din it-tieni talba għal emenda mingħajr ma tipperikola l-bilanċ politiku u l-ambizzjoni ġenerali tat-test.
9. Il-Presidenza tqis li, bl-inklużjoni taż-żewġ emendi (l-Artikolu 24(6)(a) u l-Artikolu 50(5g) tal-AIFMD emendata kif ukoll id-dispożizzjonijiet korrispondenti għad-Direttiva dwar l-UCITS), il-proposta ta' kompromess finali riveduta tagħha, kif tinsab fid-dok. 9768/1/22 REV1, hija appoġġata mill-maġġoranza meħtieġa.
10. Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari għadha pendenti.

### III. KONKLUŻJONI

11. Fid-dawl ta' dak ta' hawn fuq, qiegħed jiġi ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill:

- jilħaq approċċ ġenerali dwar il-Proposta għal Direttiva, kif tinsab fid-dok. 9768/1/22 REV1, peress li kien diġà maqbul li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jenħtieġ li jirrakkomanda li l-Kunsill jipproċedi kif meħtieġ bħala punt mhux għad-diskussjoni;
- jistieden lill-Presidenza biex tibda, meta jkun prattikabbli, negozjati mal-Parlament Ewropew abbażi ta' dak il-mandat bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari.